MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1954/2002

**Dingli Co International Limited bhala Mandatrici tas-socjeta estera The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**St. Andrews Hotels Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn lira Maltija u tlieta u disghajn centezmu (Lm200.93) kwantu ghal Lm174.72 Royalty u Lm26.21 Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja 8397 rilaxxjata mis-socjeta attrici favur tas-socjeta konvenuta fir-rigward ta' l-istabbiliment The Halland Complex, St. Andrews ghall-perjodu mis-6 ta' Frar 2002 sal-5 ta' Frar 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Ra l-atti tal-kawza fosthom id-dikjarazzjoni guramentata li saret mill-Prokuratur Legali Josette Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta attrici fejn ikkonfermat li l-hlas ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mitejn lira Maltija u tlieta u disghajn centezmu (Lm200.93), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**